13 ta' Diċembru, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmel Buttigieg

**Traffiku — Bejgħ — Kondizzjoni Riżolutiva — Avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija.**

*Il-kondizzjoni riżolutiva ma twaqqafx l-eżekuzzjoni ta' l-obligazzjoni. Għaldaqstant min jixtri karrozza taħt kondizzjoni riżolutiva, u jippretendi li l-kondizzjoni avverat ruħha, ma hux eżentat mill-obligu li jiddenunzja lill-Kummissarju tal-Pulizija, fiż-żmien stabbilit mir-regolamenti ix-xiri ta' dik il-karrozza.*

*biex ma jippreġudikax ruħu jista', meta jagħti l-avviż, jgħid illi huwa jirritjeni xjott il-bejgħ.*

Fuq l-imputazzjoni illi naqas li jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija, fi żmien sebat ijiem, tax-xiri tal-motor car no. 5963, dan Buttigieg, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tad-19 ta' Ottubru 1948, instab ħati. iżda ġie lilu konċess il-benefiċċju ta' l-art. 23 Kap. 12, b'dan però li jinforma ruħu mal-liġi fi żmien erbat ijiem taħt penali ta' 5s. kuljum għal kull ġurnata ta' nuqqas;

Trattat l-appell tiegħu minn din is-sentenza, din il-Qorti kkunsidrat;

It-teżi tad-difiża hi li, peress li l-car inxtara taħt kondizzjoni riżolutiva, u din il-kondizzjoni, kif jirritjeni l-appellant, ivverifikat ruħha, għalhekk hu ma kienx tenut jagħti l-avviż;

Hu fatt li l-appellant qiegħed f'kawża minnu intentata kontra l-awtur tiegħu Sumner quddiem it-tribunal ċivili għar-rexissjoni tal-bejgħ;

Issa hu prinċipju, b'liġi, illi l-kondizzjoni riżolutiva ma twaqqafx l-eżekuzzjoni ta' l-obligazzjoni. Barra minn hekk, kien ikun assurd li kull min jixtri taħt kondizzjoni jkun eżonerat mill-obligu tad-denunzja tat-transfer sakemm tivverifika ruħha jew le l-kondizzjoni, u li sadattant juża l-car bil-konsegwenzi kollha li r-regolamenti tat-traffiku riedu jevitaw meta imponew dak l-obligu tad-denunzja;

L-appellant seta' ddenunzja t-transfer, u fl-istess denunzja, biex ma jippreġudikax ruħu, seta' jgħid li hu kien jirritjeni xjolt il-bejgħ;

L-appell għalhekk hu miċħud u s-sentenza konfermata. It-terminu jgħodd mil-lum;

Il-Qorti però, peress li taħseb li l-appellant kien taħt l-impressjoni, bħala "ignorantia juris", li l-pretiża tiegħu li l-bejgħ kien xjolt kienet suffiċjenti biex teżonerah mill-obligu tad-denunzja, tordna li din il-kundanna ma tiġix imniżżla fil-kondotta ta' l-appellant.